# NGĦOLLU L-LIVELL TA' SUĊĊESS GĦAT-TGĦALLIEMA KOLLHA – KWALITÀ FL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

### IL-MESSAĠĠI EWLENIN TAL-PROĠETT

## Introduzzjoni

L-għan ta' din il-paper huwa li tipprovdi sommarju tal-messaġġi ewlenin tal-proġett tal-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (l-Agency) fuq li Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għat-Tgħalliema kollha (RA4AL).

L-edukazzjoni inklużiva hija assoċjata mal-prinċipji ta' ekwità, ġustizzja soċjali, demokrazija u parteċipazzjoni, u t-tnaqqis tal-insuċċess fl-iskola u l-inekwità huma kruċjali mhux biss għal skop ta' tkabbir ekonomiku u għall-kompetittività, imma wkoll biex jitnaqqas il-faqar u titħeġġeġ aktar l-inklużjoni soċjali (Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2010).

Il-ħtieġa li jogħla l-livell tas-suċċess għat-tgħalliema kollha hija imperattiv etiku. Il-proġett RA4AL għandu l-għan li jgħaddi minn iffukar fuq l-inklużjoni u l-ġustifikazzjoni ta' approċju ta' dan it-tip biex jindirizza l-modi li fihom policy inklużiva flimkien ma' prattika jkunu jistgħu jgħinu biex jiżdied is-suċċess għat-tgħalliema kollha.

## Ir-razzjonal tal-proġett RA4AL

F'xogħol li sar dan l-aħħar, il-UNESCO (2012) qiegħda ġġedded bis-sħiħ ir-rwol li għandha l-edukazzjoni biex toħloq soċjetajiet aktar inklużivi u ġusti u fl-istess ħin tgħid li: *'... konsensus internazzjonali qiegħed iwassal biex titfassal l-idea li jekk hemm fenomenu ta' esklużjoni f'sistema edukattiva, allura ma tintqiesx bħala sistema ta' kwalità'* (p. 1).

L-OECD (2011) juru li t-titjib fil-ħidma b'suċċess tal-istudenti li l-performance tagħhom tkun fil-livelli l-aktar baxxi m'għandhiex tkun waħda li tagħmel ħsara lil min imur tajjeb f'livelli ogħla – il-ħidma b'suċċess ta' kull student fl-iskola u l-ekwità għandhom jimxu id f'id.

Filwaqt li l-iżvilupp tal-policy hija influwenzata bis-sħiħ mill-valuri u l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà u aktar ma mmorru bl-għarfien tad-drittijiet tat-tfal, hemm il-ħtieġa wkoll ta' effettività ta' proċessi u outcomes differenzjati (Lindsay, 2007).

Minkejja żviluppi pożittivi f'ħafna pajjiżi membri tal-Agency, xorta waħda għad hemm nuqqas ta' ċarezza dwar it-tifsira ta' edukazzjoni inklużiva u konsegwenza ta' hekk dwar l-azzjoni li għandha

tittieħed biex ikun hawn attitudnijiet pożittivi għad-diversità u tiżdied il-kapaċità ta' sistemi edukattivi u skejjel biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tat-tgħalliema. L-ittraspjantar tal-ideat dwar 'l-edukazzjoni speċjali' u l-prattika f'kuntesti mainstream m'għandhiex tkun il-mixja 'l quddiem – hemm il-ħtieġa li niċċalinġjaw ħafna assunzjonijiet dwar il-mod kif sistemi u skejjel edukattivi qegħdin jaħdmu bħalissa.

Il-proġett RA4AL b'mod espliċitu jimmira lejn it-tgħalliema kollha – kull tip ta' ħsieb li wieħed jista' jkollu dwar li xi tgħalliema huma destinati li jfallu għandu jiġi ċċalinġjat. F'diskussjonijiet dwar il-proġetti, il-parteċipanti għafsu fuq il-ħtieġa li t-tgħalliema minn gruppi magħrufa bħala li huma vulnerabbli li ma jkollhomx suċċess kienu ta' tħassib partikolari. Filwaqt li t-tgħalliema bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u diżabiltajiet u migranti jista' jkunu partikolarment f'riskju li ma jiksbux is-suċċess li għandhom jiksbu, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Agency u l-parteċipanti tal-konferenza żiedu magħhom dawn il-gruppi vulnerabbli: tgħalliema minn gruppi soċjo-ekonomiċi, dawk li jieħdu ħsiebhom l-awtoritajiet jew li jgħixu f'ċirkustanzi diffiċli, eż. vittmi ta' abbuż jew vjolenza, Roma u vjaġġaturi, tgħalliema li regolarment ma jattendux l-iskola jew li għandhom responsabilitajiet ta' affidament u tgħalliema li jistgħu jkunu aktar kapaċi u li jkollhom xi talenti.

Il-paper ta' pożizzjoni tal-proġett tagħmel dawn il-mistoqsijiet: Kif jista' ffukar fuq il-ħtiġijiet tat-tgħalliema li jkunu vulnerabbli li ma jkollhomx suċċess u li jispiċċaw imwarrba jistgħu jiġu mmaniġġjati f'kuntesti ta' inklużjoni, mingħajr l-użu ta' 'labels' potenzjalment limitattivi? Kif jistgħu outcomes għal tgħalliema ta' dan it-tip ikunu mmonitorjati bl-aħjar mod possibbli u evalwati biex jassiguraw li l-ħtiġijiet tagħhom ikunu qegħdin jintlaħqu?

Filwaqt li l-idea ta' tgħalliema li għandhom iċ-ċans jaqgħu lura għandha l-għan li tevita milli tuża l-kategoriji u l-isterjotipar possibbli, trid tingħata aktar konsiderazzjoni għal dawn il-mistoqsijiet biex jiġu assigurati policies ta' tweġibiet u monitoraġġ sussegwenti u evalwazzjoni li tagħti kaz taċ-ċirkustanzi individwali.

## Il-proġett RA4AL tal-Agency

Fl-2010, l-Agency għamlet stħarriġ fil-pajjiżi membri biex tidentifika l-prinċipji fit-tul għax-xogħol tagħhom. Dan l-istħarriġ identifika livell ta' suċċess akbar għat-tgħalliema kollha bħala l-għan ewlieni għall-investigazzjoni.

Bħala riżultat, fir-Rebbiegħa tal-2011 l-Agency issottomettiet applikazzjoni fir-rigward ta' Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għat-Tgħalliema kollha – Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva bħala l-proġett li għandu jiġi sostnut mill-finanzjament tal-Programm Comenius tat-Tgħallim tul il-Ħajja tal-Kummissjoni Ewropea. Fil-Ħarifa tal-2011, l-Agency ingħatat grant u l-proġett dam sejjer minn Diċembru 2011 sa Novembru 2012 (Proġett numru: 517771-LLP-1-2011-1-DK-COMENIUS-CAM).

Il-grupp ewlieni fil-mira għall-informazzjoni tal-proġett u l-outcomes huwa l-policy makers nazzjonali li huma f'pożizzjoni li jassiguraw li l-inklużjoni ssir parti integrali għat-twettiq tal-policy tal-edukazzjoni kollha, u li l-kollaborazzjoni neċessarja bejn l-edukazzjoni u d-dipartimenti tal-gvern tiġi żviluppata aktar.

Il-proġett RA4AL bena fuq:

- Riżultati minn medda ta' xogħol ta' proġett ta' xeħta tematika li sar mill-Agency li kien jinvolvi l-pajjiżi membri u r-riċerka riċenti, li tinkludi xogħol ippubblikat minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-UNESCO, UNICEF u OECD.

- L-outcomes tal-konferenza RA4AL li kienet ippjanata f'kollaborazzjoni mal-Ministeru

tal-Edukazzjoni Daniża u l-awtoritajiet muniċipali ta' Odense u li nżammet f'Odense, id-Danimarka 13–15 ta' Ġunju bħala avveniment uffiċjali taħt il-presidenza Daniża tal-Unjoni Ewropea.

Biex jiġu esplorati l-mistoqsijiet ewlenin tal-proġett u biex jiġi żviluppat razzjonal ċar għal xogħol fil-futur, tliet gruppi ta' esperti kienu nnominati mill-Ministeri tal-Edukazzjoni tal-pajjiżi membri tal-Agency: il-policy makers għas-settur edukattiv ġenerali obbligatorju u l-policy makers u r-riċerkaturi fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva. Il-parteċipanti kollha qasmu l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom fuq il-kwalità tal-edukazzjoni f'ambjenti inklużivi bħala strateġiji biex jogħla l-livell ta' suċċess għat-tgħalliema kollha permezz ta' esibizzjonijiet, inputs, seminars u innettwerkjar informali u diskussjonijiet.

Paper ta' pożizzjoni tal-RA4AL li saret mill-istaff tal-Agency intbagħtet lill-parteċipanti kollha qabel il-konferenza. Il-paper rat mill-ġdid ix-xogħol riċenti tal-Agency u riċerka internazzjonali oħra u tat skema tal-oqsma ewlenin għall-proġett u l-konferenza tal-RA4AL.

Il-paper ta' pożizzjoni u r-rapport sħiħ tal-konferenza jistgħu jinkisbu minn: **http://www.european-agency.org/agency-projects/ra4al**

## L-isfida biex jogħla l-livell ta' suċċess għat-tgħalliema kollha

Dyson u l-kollegi (2004) jistqarru li 'soluzzjonijiet' li jwasslu għal inizjattivi li huma sempliċiment iggunfjati u marbuta ma' sistema minnha nfiha mhux ġusta jfallu fiċ-ċert. Għalkemm il-policy makers għandhom kull intenzjoni li jnaqqsu l-iżvantaġġi fis-suċċess edukattiv, strateġiji riċenti li għandhom l-għan li jilħqu dan, jew billi jżidu l-aspirazzjonijiet jew billi jiddiversifikaw is-suq, għandhom problemi kbar ħafna.

Hanushek (2004) juri li żieda fil-finanzjament tal-iskejjel kellha, bi ftit eċċezzjonijiet, ftit impatt fuq l-outcome edukattiv f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Ir-riżorsi jistgħu jintużaw b'modi differenti biex it-tgħalliema jibbenifikaw, pereżempju permezz ta' rati ta' staff ta' livell dejjem aħjar fil-klassijiet, żieda ta' kompetenzi ta' għalliema permezz ta' żvilupp professjonali u l-użu flessibbli ta' counselling u mentoring.

Fi snin riċenti, riformi bbażati fuq is-suq ġew introdotti f'ħafna pajjiżi. Madankollu, Whelan (2009) jiddubita l-valur tal-għażla u l-kompetizzjoni bħala dawk li jixprunaw titjib, għax jaqsmu s-sistema f'unitajiet li huma żgħar wisq biex jinnovaw u ħafna drabi jżidu l-istratifikazzjoni akkademika, etnika u soċjali.

Sa mill-1996, il-Kummissjoni Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni għas-Seklu wieħed u għoxrin identifikat seba' tensjonijiet f'sistemi ta' edukazzjoni f'pajjiżi differenti – li jinkludu t-tensjoni bejn il-kompetizzjoni u l-opportunità tal-ugwaljanza u l-ħtieġa li tiġi bbilanċjata l-kompetizzjoni li tipprovdi motivazzjoni u inċentivi bil-kooperazzjoni li tippromwovi ekwità u ġustizzja soċjali għal kulħadd.

Għalhekk il-ħtieġa li jinsabu modi biex jintrebħu dawn l-isfidi u tiġi żviluppata proviżjoni ta' kwalità għolja u li twieġeb għat-tgħalliema kollha tibqa'. Leadbeater u Wong (2010) jesprimu dan f'din l-istqarrija: *'Disaffezzjoni bl-iskola, li tidher b'mod ċar mir-rati ta' tfal li ma jkomplux l-iskola u fallimenti fl-eżamijiet, turi li hemm ħtieġa ripressa li twassal għal esperjenza ta' skola ta' tip differenti – esperjenza li twassal biex dak li jkun iħossu aktar involut, jagħraf li qiegħed jirbaħ xi ħaġa u fl-istess ħin relevanti għall-ħtiġijiet li n-nies se jkollhom bżonn fis-seklu li ġej.'* (p. 3)

# Lingwa komuni għall-edukazzjoni inkluživa

Kif isostni r-razzjonal t'hawn fuq, hemm il-ħtieġa għal lingwa komuni li tintuża meta nitkellmu dwar l-edukazzjoni inkluživa, u din hija tema li ilha tokkorri bis-sħiħ fl-attivitajiet tal-proġett RA4AL. Is-sistemi edukattivi fil-pajjiżi huma individwali ħafna (Meijer, 1999, 2003) – kull eżaminar tal-edukazzjoni inkluživa fi kwalunkwe pajjiż għalhekk tinħtieġ li tkun ikkunsidrata fil-kuntest ta' riformi edukattivi usa' li jkunu qegħdin isiru f'dak il-pajjiż.

Ir-rapport tal-Agency fuq *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni madwar l-Ewropa* (2011) juri xi wħud mill-iżviluppi riċenti, inklużi l-użu tat-termini 'eteroġeneità' u 'diversità', imma juri wkoll li l-bidla fit-terminoloġija mhux dejjem tirrifletti bidla fil-ħsieb u l-prattika. Jekk il-lingwa użata tkompli tippromwovi l-qasma jew id-differenza tal-gruppi diversi fis-soċjetà, il-policy għandha ċ-ċans li tkun fil-forma ta' miżuri 'miżjuda' meħtieġa biex tbiddel il-policies oriġinali li ma kinux inklużivi.

Fil-proġett RA4AL, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi tkellmu dwar il-ħtieġa li jikkjarifikaw it-tifsira ta' termini speċifiċi fil-kuntest tal-proġett. Dawn it-termini jinkludu: kwalità, li nżidu l-livell tas-suċċess u l-'working definitions' użati fil-proġett qegħdin hawn taħt.

Id-definizzjoni ta' *kwalità* li nsibu fil-paper ta' pożizzjoni tar-RA4AL hija kif ġej:

> *'Il-kwalità trid tidher fid-dawl kif is-soċjetajiet jiddefinixxu l-għan tal-edukazzjoni. F'ħafna minnhom insibu żewġ objettivi ewlenin: l-ewwel huwa li jiġi assigurat l-iżvilupp konoxxittiv tat-tgħalliema. It-tieni tenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni fis-sosteniment ta' kobor kreattiv u emozzjonali tat-tgħalliema u fl-għajnuna li tingħatalhom biex jiksbu valuri u attitudnijiet għal ċittadinanza responsabbli. Fl-aħħar, il-kwalità għandha tgħaddi mit-test tal-ekwità: sistema edukattiva karatterizzata minn diskriminazzjoni kontra grupp partikolari ma tkunx qiegħda tagħmel il-missjoni tagħha.'* (UNESCO, 2004, Prefazjoni)

Dwar *il-livell tas-suċċess (achievement)*, Wallace (2010) juża t-terminu li jfisser *'l-outcome tal-isforz, it-tgħallim, il-perseveranza, it-twemmin-nifsi u l-inkoraġġiment. Dan jinvolvi l-individwu li jesperjenza l-isfidi, jagħmel skoperti u jieħu l-premju, jew intrinsikament jew estrinsikament mill-isforzi u l-applikazzjoni.'* (p. 6). Din id-definizzjoni wiesgħa tista' tiġi kkuntrastjata ma' *livelli ta' ksib (attainment)* li ħafna drabi tintuża biex tirreferi għal tgħalliema li jottjenu gradi jew jilħqu livelli f'eżamijiet u assessjar standardizzat formali. Trid tittieħed konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li suċċessi jew kisbiet ivvalorizzati jistgħu jvarjaw bejn pajjiżi u kulturi.

Marbuta bis-sħiħ u relevanti għall-proġett RA4AL hija d-definizzjoni ta' *suċċess li ma jlaħħaqx biżżejjed mal-livell mistenni (under-achievement),* li ħafna drabi jidher bħala diskrepanza bejn assessjar jew riżultat ta' test u l-performance attwali. Madankollu, kien suġġerit li filwaqt li fatturi soċjetali u ambjentali li jistgħu jiżvantaġġjaw lit-tgħalliema għandhom jiġu kkunsidrati, il-kapaċità – it-tenaċità – tat-tgħalliema kollha għandha tingħolla u kull tip ta' ksib li ma jlaħħaqx mal-livell jiġi indirizzat.

Fl-aħħar, it-terminu *tgħolli (raising)*, fil-kuntest tal-proġett, jirreferi għal żieda jew titjib fil-ksib u/jew livell ta' suċċess ta' individwi jew gruppi. Kif żidiet 'il fuq ta' dan it-tip huma mkejla jiddependi mill-qasam/oqsma li fihom it-tgħalliemi/tgħalliema jinħassu li mhux qegħdin jilħqu l-livell meħtieġ – imma huwa ċar li t-tnaqqis tad-differenza bejn dawk li jagħmlu ħafna suċċess u dawk li jagħmlu ftit suċċess ma jfissirx li jitnaqqsu l-istandards – imma jinżammu aspettazzjonijiet għolja għal kulħadd.

## Riżultati u rakkomandazzjonijiet tal-proġett

Immexxija minn proġetti tal-Agency tal-imgħoddi, riċerka internazzjonali riċenti, materjali ppreżentati fl-esibizzjoni tal-konferenza tal-RA4AL flimkien ma' inputs, seminars u diskussjonijiet li saru fil-konferenza, dawn it-'temi' ġew identifikati bħala ta' importanza kbira biex jogħla l-livell ta' suċċess għat-tgħalliema kollha:

**1. Policy kollaborattiva u prattika.** Biex it-tgħalliema kollha jiġu involuti u sostnuti, b'mod partikolari dawk li jkollhom jaffaċċjaw xi żvantaġġi, għandhom jingħataw servizzi fil-komunitajiet lokali permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib – fil-policy u l-prattika – bejn is-servizzi edukattivi, tas-saħħa, soċjali u aġenziji oħra. Il-kooperazzjoni u l-innetwerkjar huma meħtieġa fil-livelli kollha – nazzjonali, qasam lokali, skola u klassi – bejn l-istakeholders kollha, it-tgħalliema u l-familji, biex jiġu assigurati kemm responses koordinati u użu effettivi tar-riżorsi.

Il-ħafna aspetti ta' xogħol kollaborattiv bejn livelli differenti tas-sistema – mill-assessjar kollaborattiv u t-tgħallim fil-klassi għal innettwerkjar professjonali fil-livell internazzjonali – huma mogħtija l-importanza tagħhom billi juru l-importanza tal-kapital soċjali fl-iskola u s-sistema tar-riforma. Minħabba li l-policy kollaborattiva u l-prattika hija element komuni bejn it-temi, din tista' tipprovdi qafas tajjeb għall-investigazzjonijiet futuri.

**2. Sostenn għall-mexxejja tal-iskejjel u l-iskejjel.** Il-mexxejja tal-iskejjel u l-iskejjel għandhom jirċievu sostenn biex jassiguraw li huma għandhom il-viżjoni u l-kompetenzi neċessarji biex jiġi stabbilit ethos pożittiv u tiġi pprovduta tmexxija approprijata għal prattika inklużiva. L-ippjanar biex jintlaħqu l-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema kollha għandha tkun parti integrali mill-proċess tal-iżvilupp tal-qasam kollu/skola, li min-naħa tagħha għandha ġġib flimkien il-prijoritajiet kurrenti b'mod koerenti.

Il-konklużjonijiet tal-proġett RA4AL jagħfas fuq il-ħtieġa li nitilqu lil hinn minn tmexxija minn fuq għal isfel għal tmexxija distribwita li tenfasizza x-xogħol f'team u s-soluzzjonar ta' problemi kollaborattivi.

**3. Kontabiltà inklużiva.** Approċji għal kontabiltà fil-livell ta' sistema u skola għandhom jinkludu element qawwi ta' review mill-individwi u/jew il-koetanji bil-għan li jagħtu s-saħħa lill-istakeholders biex jaraw il-kontabiltà bħala waħda professjonali u mhux imposta minn barra.

Biex nimxu lejn aktar ekwità fl-edukazzjoni, hemm ħtieġa ta' varjetà ta' indikaturi ta' performance, li jkunu joqogħdu għas-sitwazzjoni lokali jew li jiffukaw fuq l-input, ir-riżorsi, il-proċessi u l-output/outcomes. Żviluppi ta' dan it-tip għandhom ikejlu dak li huwa ta' valur għat-tgħalliema kollha biex jassiguraw konsistenza u jiġu msaħħa valuri u prattiċi.

**4. Personalizzazzjoni permezz ta' smigħ b'attenzjoni għat-tgħalliema.** Il-vuċi tat-tgħalliemi hija ċ-ċavetta li għandha ssawwar il-policy u l-prattika. Il-personalizzazzjoni tinvolvi wkoll xogħol aktar mill-qrib ma' ġenituri u familji biex jiġu indirizzati kull tip ta' ħtiġijiet ta' sostenn b'mod aktar ħolistiku. Iffukar aktar ċar fuq il-personalizzazzjoni għandha tagħraf il-ħtieġa għal sistemi ta' assessjar aktar flessibbli, aktar milli wieħed jipprova 'itella' l-istandards permezz ta' ttestjar u tiġi vvalorizzata l-eċċellenza fl-oqsma kollha tat-tgħallim.

**5. L-iżvilupp professjonali għal edukazzjoni inklużiva.** L-għalliema għandhom ikunu aġenti

attivi fi kwalunkwe bidla ta' sistema/skola u l-kompetenzi tagħhom għandhom ikunu indirizzati permezz ta' edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu. L-għalliema kollha għandhom jiżviluppaw il-valuri neċessarji, l-attitudnijiet, il-ħiliet, l-għerf-għarfien, u l-fehim biex jassiguraw it-tgħallim u s-sehem sħiħ tat-tgħalliema f'kull klassi.

L-erba' oqsma ta' kompetenza inklużi fil-*Profil tal-Għalliema Inklużivi* (2012) tal-Agency: l-ivvalorizzar tad-diversità tat-tgħalliema, is-sosteniment tat-tgħalliema kollha, il-ħidma ma' oħrajn u l-iżvilupp professjonali huma dawk meħtieġa mill-għalliema li għandhom iċ-ċans li jkunu ta' suċċess f'li jittella' l-livell ta' suċċess tat-tgħalliema kollha.

**6. Approċji pedagoġiċi għal kulħadd.** Fid-dawl tax-xogħol mill-Agency, sostnut minn riċerka internazzjonali riċenti, huwa ċar li hemm approċji pedagoġiċi li għandhom ikunu ta' benefiċċju għat-tgħalliema kollha, fosthom dawk tat-tagħlim f'team u tgħallim assistit minn koetanji.

Florian u Black-Hawkins (2011) jinnutaw li l-estensjoni ta' dak li jista' jinkiseb b'mod ordinarju għat-tgħalliema kollha hija biċċa xogħol pedagoġika kumplessa li tinħtieġ qabża minn approċju li jaħdem għat-tgħalliema kollha (b'xi ħaġa addizzjonali għal jew differenti minnhom għal xi wħud) għal approċju li jinvolvi *'l-iżvilupp ta' komunità ta' tgħallim għanja kkaratterizata minn opportunitajiet ta' tgħallim li huwa suffiċjenti u li jkun jista' jinkiseb minn kulħadd'* (p. 814).

Dawn it-temi huma diskussi f'aktar dettall fir-rapport tal-proġett sħiħ li jista' jinkiseb minn: **http://www.european-agency.org/agency-projects/ra4al**

## Aspetti dwar xogħol fil-futur

L-outcomes tal-proġett RA4AL li dam sena se jiffurmaw il-bażi għal proġett itwal li se tagħmel l-Agency, u li se jibda fl-2013. B'dan f'moħħna, l-attivitajiet tal-proġett ġew studjati mill-ġdid biex jiġu identifikati aspetti ewlenin biex jiġu kkunsidrati f'xogħol fil-ġejjieni, li għandhom x'jaqsmu mat-temi ta' hawn fuq.

L-aspetti ewlenin jinkludu l-ħtieġa li:

- Jinġabru eżempji prattiċi u cost-effective ta' nnettwerkjar u kollaborazzjoni fil-klassijiet, skejjel u komunitajiet lokali kif ukoll f'livell nazzjonali/internazzjonali, u jiġu eżaminati l-kontribuzzjonijiet li prattiċi ta' dan it-tip jistgħu jagħmlu lejn it-titjib fis-suċċess tat-tgħalliema kollha.

- Issir aktar ħidma fuq xogħol eżistenti ta' tmexxija għal skop ta' inklużjoni biex jiġu eżaminati l-kompetenzi meħtieġa fit-tmexxija f'sistemi/ambjenti ta' inklużjoni.

- Isir aktar xogħol fuq mekkaniżmi ta' kontabiltà approprija għas-sistema tal-edukazzjoni u għal skejjel li jagħtu s-saħħa u awtorità lill-istakeholders u li jirriflettu valuri inklużivi u prattika billi jitkejjel dak li huwa vvalorizzat għat-tgħalliema kollha, u tiġi pprovduta evidenza konkreta għal prattika effettiva li twassal għal livelli ta' suċċess ekwitabbli.

- Jiġi investigat kif sistemi edukattivi u servizzi huma organizzati, jittieħdu akkonti tar-rwoli ewlenin tal-għalliema u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-vuċijiet tat-tgħalliema u l-familji tagħhom biex joffru esperjenza personalizzata kif suppost.

- Isir aktar xogħol f'oqsma ta' kompetenza meħtieġa mill-għalliema biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi tat-tgħalliema u jiġu investigati l-aħjar toroq biex jintlaħaq dan fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp kontinwu professjonali.

- Issir riċerka fuq approċji pedagoġiċi u strateġiji li jmorru lil hinn minn 'differenzazzjoni' immexxija mill-għalliema għal waħda ċċentrata fuq it-tgħalliemi, u prattika ppersonalizzata fil-klassi.

## Kummenti tal-għeluq

Ix-xogħol tal-proġett RA4AL identifika l-ħtieġa ta' bażi ta' evidenza, b'mod partikolari f'approċji effettivi biex jogħla l-livell ta' suċċess tat-tgħalliema kollha u investigazzjoni fil-fatturi li jgħinu lit-tgħalliema li jkunu esperjenzjaw żvantaġġi biex jiżviluppaw reżiljenza u jagħmlu suċċess tajjeb. Ir-rapporteur tal-konferenza RA4AL Bengt Persson għafas b'mod partikolari fuq in-nuqqas ta' riċerka fil-livell tas-sistema.

Il-valur u l-effettività ta' kemm tiġi tiswa l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u l-importanza tat-tgħallim minn policy u prattika eżistenti f'dan il-qasam huma magħrufa sew. Bit-tixrik tal-għerf-għarfien fil-livelli kollha tas-sistema, komunitajiet tat-tgħallim inklużivi jistgħu jiġu żviluppati u msaħħa permezz ta' tisħib u kollaborazzjoni biex jiġi assigurat li t-tgħalliema kollha jkollhom l-opportunità biex jiżviluppaw il-kapaċità tat-tgħallim tagħhom u jgħollu l-livelli tagħhom ta' suċċess. Kif josserva Fink (2008): *'L-edukazzjoni hija wisq aktar milli jiġu ppreparati l-istudenti biex jaqilgħu l-għixien, għalkemm dan huwa importanti. Hija wkoll mod kif tgħinhom jgħixu.'*

## Referenzi


L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2011) *Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni Madwar l-Ewropa – Sfidi u Opportunitajiet*. Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2012) *Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi.* Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Dyson, A., Farrell, P., Polat, F., Hutcheson, G., u Gallannaugh, F. (2004) *L-Inklużjoni u l-livelli tas-Suċċess tal-Istudenti* (Rapport ta' Riċerka RR578). Londra: Id-Dipartiment għall-Edukazzjoni u l-Ħiliet

Fink, D. (2008) *It-triq għat-trasformazzjoni tal-edukazzjoni – Sistemi ta' Tgħallim, Tmexxija u Għixien.* Paper ta' konferenza on-line http://www.cybertext.net.au/inet_s4wk1/p4_18.htm (l-aħħar aċċessata 12/10/2012)

Florian, L. u Black-Hawkins, K. (2011) Nesploraw il-Pedagoġija Inklużiva. *Il-Journal Brittaniku tar-Riċerka Edukattiva* 37(5), 813–828. doi: 10.1080/01411926.2010.501096

Hanushek, E. (2004) *Xi analitiċi sempliċi tal-kwalità tal-iskola*. Paper ta' ħidma 10229 il-Bureau Nazzjonali tar-Riċerka Ekonomika, Cambridge, MA

Il-Kummissjoni Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni fis-Seklu wieħed u għoxrin (1996) *It-Tgħallim: It-Teżor fuq ġewwa:* Rapport tal-UNESCO tal-Kummissjoni Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni għas-Seklu wieħed u għoxrin. Pariġi: Pubblikazzjoni UNESCO

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2010) *Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.* It-3013 laqgħa tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Kultura, Brussell, 11 ta' Mejju 2010

Leadbeater, C. u Wong, A. (2010) *Nitgħallmu mill-estremi*. San Jose CA: Sistemi Cisco

Lindsay, G. (2007) Il-psikoloġija edukazzjonali u l-effettività ta' edukazzjoni inklużiva/mainstreaming. *Il-Journal Brittaniku tal-Psikoloġija Edukattiva*, 77, 1–24

Meijer, C.J.W. (1999) *L-Iffinanzjar tal-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali*. Middelfart: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp għal Ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali

Meijer, C.J.W. (2003) *L-edukazzjoni inklużiva u l-prattika fil-klassi*. Middelfart: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

L-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2011) PISA fil-foku 2011/2 (Marzu) *Intejbu l-Performance – Immexxu minn Isfel*. Pariġi: OECD

UNESCO (2004) Edukazzjoni għal Kulħadd: Il-Kwalità hija Imperattiva. EFA Ir-Rapport Globali tal-Monitoraġġ 2005. Pariġi: UNESCO

UNESCO (2012) *Nindirizzaw l-Esklużjoni fl-Edukazzjoni. Gwida għall-Assessjar tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Lejn Soċjetajiet Aktar Inklużivi u Ġusti*. Pariġi: UNESCO

Wallace. B. (2010) Nieħdu ħsieb in-nuqqas ta' żvilupp fit-tgħallim. Nimmassimizzaw l-opportunitajiet għall-istudenti kollha f'ambjent inklużiv f'B. Wallace, S. Leyden, D. Montgomery, C. Winstancley, M. Pomerantz u S. Fitton (edi.) 2010. Ngħollu l-livelli ta' Suċċess fit-tgħallim għall-istudenti kollha f'ambjent inklużiv. Londra: Routledge.

Whelan, F. (2009) *Lezzjonijiet imtgħallma: Kif il-prattiċi tajba jipproduċu skejjel aħjar*. Londra: Whelan


© European Agency for Development in Special Needs Education 2012

MT

Lifelong Learning

Education and Training

This project has been funded with support from the European Commission. This publication reflects the views only of the author, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.